

# IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

## STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA

### ANTIK TESTMENT

**GUZEPPI JURI LILU NIFFSU LIL HUTU**

Ghat-tieni darba hut Guzeppi marru l-Egittu.  Huma waslu fil-post fejn Guzeppi kien qed ibiegh il-qamh lill-poplu. Waqfu quddiemu u baxxew rashom b'sinjal ta' rispett. Guzeppi, li s'issa dawk li kienu quddiemu ma gharfuhx bhala huhom, ra lil Benjamin kien maghhom. Huma kienu zammew kelmithom, meta weghduh l-ewwel darba li kien marru ghandu, li kellhom jiehdu maghhom lil huhom iz-zghir. Guzeppi ta' ordni lil qaddejj li kellu jipprepara ikla kbira ghaliex dawk in-nies kollha kienu ser ikunu l-mistiedna tieghu.

Meta hut Guzeppi indunaw li huma kienu mehuda fid-dar ta' Guzeppi intlew b'biza' kbir. Imma l-qaddejj ta' Guzeppi wera' stima kbira  hafna lejhom. Kif kienet l-uzanza dak iz-zmien, haslilhom riglejhom u fil-hin ta' l-ikel dahal Guzeppi.  Huma nizlu quddiem wicchom ma' l-art u offrewlu r-rigal ta' missierhom li kienu gabu maghhom. U Guzeppi staqsiehom : " Missierkom ghadu haj, ir-ragel xih li minnu qed titkellmu jinsab f'sahhtu?"

Huwa wiegbu: " Iva jinsab qawwi u shih." U mill-gdid tbaxxew quddiemu. Guzeppi tefa' l-harsa tieghu lejn Benjamin U staqsa mill-gdid:" Dan hu hukhom iz-zghir li kellimtunifuqu l-ahhar darba? Alla jbierkek, ibni."



U Guzeppi hassu imqanqal minn imhabba kbira tant li ma setghax izzomm il-biki. Huwa mar gewwa kamartu u infexx jikbi. Imbaghad hasel wiccu u rega' dahal mill-gdid quddiehom. Guzeppi ordna li jingieb Simeoni huhom l-iehor, li hu kien zamm il-habs sakemm igibu maghhom lil Benjamin meta jergghu jigu.

Wara li kielu, Guzeppi qal li qaddejj, " Imla l-ixkejjer kemm jesghu qamh, poggilhom flushom lura fl-ixkejjer imma fl-ixkora ta' Benjamin qieghed it-tazza tal-fidda tieghi." U sar kif kien ikkmanda Guzeppi. L-ghada filghodu hutu telqu, izda ftit wara Guzeppi qal lil qaddejja tieghu: " Morru u arrestaw lil dawk l-irgiel minn Kanan ghaliex serquni meta jiena kont wriet tant imgieba tajba maghhom.?

Huma fethu l-ixkejjer u sabu t-tazza tal-fidda ta' Guzeppi fl-ixkora li kienet ta' Benjamin. Il-qaddejja haduhom lura ghand sidhom Guzeppi.

Guzeppi werihom bic-car li kien dizappuntat hafna bl-imgieba taghhom. Huma bezghu li issa Benjamin jkun akkuzat bhala halliel u jighata l-mewt u huma mibjugha bhala ilsiera. Kien huhom Guda li issa indahal biex jitkellem u qal: "Dan kollu kastig t'Alla minhabba dnubietna. Ara ahna ilkoll skjavi tieghek."

Imma Guzeppi wiegbu: " Le wiehed biss hu l-hati, Hu seraqli t-tazza tal-fidda. Lilu nzomm bhala skjav u intom morru lura d-dar."

Guzeppi ghamel hekk biex jara jekk huti jahsbux fihom infushom u jhallu lil Benjamin ibati jekk huma jistghu jehilsu mill-kastig. Imma Guda, dak li webbel lil hutu biex ibieghu lil huhom Guzeppi bhala ilsir lill- merkanti nizel gharkubtejh u talab lil Guzeppi biex ihalli lil Benjamin imur lura ghand missieru ghax hu kien ha r-responsabilta' li jiehdu lura haj ghandu. "Jekk ma jirritornax lura qawwi u shih missierna jmut bil-ghali. Ikollok hniena. Nibqa' jiena skjav floku." Guzeppi issa ra li hutu kienu nidmu u ma baqghux aktar ta' qalb kiefra. Huwa stqarr lu kien huhom Guzeppi li huma kienu bieghu lil xi merkanti li kienu sejrin lejn l-Egittu.

"Jiena hukom Guzeppi. Missieri ghadu haj?" Hutu trieghdu bil-biza hekk kif semghuh jghid dan il-kliem bl-ilsien taghhom. Huwa tahom il-bewsa tal-paci u wriehom li hafrilhom tassew. Talabhom biex imorru lura ghand missierhom u jghidulu biex jigi mal-familja tieghu joqghod gewwa. l-Egittu.

Gakobb ghamel kif qallu Guzeppi u mar gewwa l-Egittu fejn Guzeppi tah bicca art biex fuqha jghix mal-familja tieghu kollha.

WIEGEB DAWN IL-MISTOQSIJIET:

1. Ghaliex kellhom mghhom lilhuhom Benjamin?
2. Kif kienu stmati hut Guzeppi?
3. Kif urew il-hajr taghhom lil huhom li huma kienu ghadhom ma gharfux?
4. Xi pjan hejja Guzeppi biex fi trithom lejn darhom, huwa jarresthom u jgibhom lura l-Egittu?
5. Xi prova ghamlilhom biex jara nidmux mill-htija li wettqu zmien qabel, meta bieghu lil huhom Guzeppi lill-merkanti?